ĦAL KIRKOP

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Kirkop

***(Laqgħa B'Urġenza)***

## Id-Disa' LEĠISLATURA

# Laqgħa Nru. 11/2020/09

**Data tal-laqgħa:** 12 ta' Frar, 2020

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Kirkop iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 31, Triq San Benedittu, Ħal Kirkop, fis-7.00 ta' filgħaxija.

### Preżenti:

| | |
|---|---|
| Terence Agius | ***Kunsillier*** |
| John Luke Cassar | ***Kunsillier*** |
| Joseph Schembri | ***Kunsillier*** |
| Cody Galea | ***Kunsillier*** |
| Ritienne Caruana | ***Kunsillier*** |

### Assenti b'apoloġija *(Skont Ordni Permanenti 14A [3])*

| | |
|---|---|
| Francesca Tabone | ***Ambaxxatriċi taż-Żgħażagħ*** |

### Uffiċjal Preżenti:

| | |
|---|---|
| Antonia Demicoli | ***Segretarju Eżekuttiv*** |

# MINUTI

Is-Sindku Terence Agius ippreseda l-laqgħa.

## 11.1 Approvazzjoni tal-*Unaudited Financial Statements* għas-sena 2019

11.1.1 Is-Sindku Terence Agius qal li Accountant & Management Team Ltd., l-*Accountants* tal-Kunsill, kienu ppreparaw il-*Financial Statements* għas-sena li għalqet f'Diċembru 2019.

11.1.2 Is-Sindku Terence Agius talab lis-Segretarju Eżekuttiv biex tagħti spjegazzjoni ta' dawn il-*financial statements* lill-Kunsilliera preżenti biex ikunu jistgħu jifhmu aħjar il-qagħda finanzjarja tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Kirkop.

11.1.3 Is-Segretarju Eżekuttiv tat spjegazzjoni dwar il-*financial statements* għas-sena finanzjarja li għalqet f'Diċembru 2019. Hi qalet li din is-sena kienet għalqet b'defiċit għas-sena ta' €27,047. Dan id-defiċit huwa riżultat ta' spejjeż *extra* li l-Kunsill kellu jagħmel minħabba żieda fil-prezzijiet ta' diversi servizzi. Fil-fatt il-*financial situation indicator* tal-Kunsill għalaq b'persentaġġ għoli, liema persentaġġ jilħaq l-64%.

11.1.4 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ħadmet mill-qrib mal-*accountant* biex tara li l-Kunsill ikun konformi ma' dak kollu mitlub mil-liġi.

11.1.5 Wara diskussjoni dwar il-qagħda finanzjarja tal-Kunsill, ġie deċiż li dawn il-*Financial Statements* jiġu approvati.

11.1.6 Għaldaqstant, is-Sindku Terence Agius ressaq mozzjoni biex il-*Financial Statements* għas-sena li għalqet f'Diċembru 2019 jiġu approvati, kif ppreparati mill-*accountant* tal-Kunsill, liema mozzjoni ġiet issekondata mill-Kunsillier Cody Galea, bi qbil unanimu mill-Kunsilliera kollha preżenti.

11.1.7 Għaldaqstant dawn il-*Financial Statements* għaddew biex jiġu ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv preżenti, biex jgħaddu għand in-National Audit Office, l-Awdituri tal-Kunsill u d-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

## 11.2 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

11.2.1 F'dan il-ħin il-Kunsill qabel li jtemm il-laqgħa.

11.2.2 Kien hemm qbil li l-laqgħa li jmiss issir kif kienet aġġornata f'laqgħa numru 10 jiġifieri nhar l-Erbgħa, 18 ta' Marzu, 2020 fit-3.00 ta' filgħaxija.

11.2.3 Il-laqgħa ntemmet fis-7.25 ta' filgħaxija.

*(iffirmati)*

| | |
|---|---|
| Terence Agius | Antonia Demicoli |
| ***Sindku*** | ***Segretarju Eżekuttiv*** |

**Data:** 18 ta' Marzu, 2020

**Mozzjoni Ref:** 062/20/9

**Mozzjoni:**

Biex il-Kunsill japprova l-*Unaudited Financial Statements*, għas-sena finanzjarja li għalqet fil-31 ta' Diċembru, 2019.

| **Proponent** | **Sekondant** |
|---|---|
| Terence Agius | Cody Galea |

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 12 ta' Frar, 2020

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**